July 2, 2021, 3:21 PM

# Re: Każ Nru CH-21-2164

From: Nicholas Grech <nicho.grech@gmail.com>

To: CH - Office of the Ombudsman <ch@ombudsman.org.mt>

Sur Charles Messina

Allura d-drittijiet tal-pazjent li hemm mniżżla fil –"Mental Health Act" 3.1 għaliex ma nkludewx klawżola li dawn ma japplikawx f'każ ta' wieħed mibgħut mill-Qorti fl-Isptar Monte Karmeli?

Tislijiet

Nicholas Grech

On Fri, Jul 2, 2021 at 11:12 AM CH - Office of the Ombudsman <ch@ombudsman.org.mt> wrote:

> **Każ Nru CH-21-2164**
>
> 2 ta' Lulju 2021
>
> Is-sur Nicholas Grech
>
> E-mail – nicho.grech@gmail.com
>
> Għażiż Sur Grech
>
> *Dwar - 1. Mediċini*
>
> *2. Restriction of Freedom of Communication Order*

Nirreferi għall-email tiegħek tat-30 ta’ Ġunju 2021.

1. Dwar mediċini, skond paragrafu 37(d) tal-Att dwar is-Saħħa Mentali, “*ma tista’ ssir ebda applikazzjoni jew referenza lill-Kummissarju dwar il-pazjent sakemm il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja ikun jista’ jirreferi l-każ tal-pazjent lill-Kummissarju għal parir*”. Din tfisser li l-Kummissarju jista’ jindaħal biss jekk ikun mitlub mill-Ministru.

Dan minħabba li inti qiegħed tinżamm fl-Isptar Monte Carmeli b’ordni tal-Qorti.

2. Dwar deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżordni Mentali, paragrafu 46 tal-Att dwar is-Saħħa Mentali, jghid li “*jista’ jsir appell minn kull deċiżjoni meħuda jew ordni magħmula mill-Kummissarju taħt xi dispożizzjoni ta’ dan l-Att quddiem il-Qorti ta’ Ġurisdizzjoni Volontarja*”.

3. Għalhekk, jien ma nistax, la “*nieħu passi immedjatament biex titwaqqaf din il-kura sfurzata*” u lanqas biex “*titneħħa din* ir-Restriction of Freedom of Communication Order”. Dawn huma deċiżjonijiet li jridu jittieħdu (1) mill-Ministru u (2) mill-Qorti.

Jien qed inkompli nindaga dwar il-punti l-oħra msemmija fl-*email* tiegħek tat-22 ta’ Ġunju.

Inselli għalik

Charles Messina
Kummissarju għas-Saħħa

CHARLES MESSINA

OMBUDSMAN

COMMISSIONER FOR HEALTH

11 ST. PAUL STREET VALLETTA VLT 1210
telephone: + 356 22483200 fax: + 356 21247924
direct line: + 356 22483212 e-mail: ch@ombudsman.org.mt

**From:** Nicholas Grech [mailto:nicho.grech@gmail.com]
**Sent:** 30 June 2021 17:18
**To:** CH - Office of the Ombudsman <ch@ombudsman.org.mt>
**Subject:** Re: Każ Nru CH-21-2164

Qiegħda niktiblek din l-email skond ma ddettali hija Nicholas Grech (435076M). Dan huwa dak li huwa(Nicholas Grech) għandu x'jgħid:

Għal li jista' jkun apparti l-Kummissarju tas-Saħħa Mentali John Cachia ma nfurnajtx ukoll lill-psikjatra David Cassar hux bl-email li bagħat lil Ombudsman fit-22 ta' Ġunju 2021? Dan għaliex kif qegħdtlek fl-20 ta' April 2021 kont naqqast il-pirmli b'żewġ terzi mill-Olanzapine 15mg għal 5mg, giet il-psikjatra Catherine Dimech l-għada, kitbet nota fil-file u ma ħaditx passi kontrija, fis-6 ta' Mejju 2021 ma bdejt nieħu assolutament xejn u ġiet tkellimni Catherine Dimech fis-17 ta' Ġunju 2021, kitbet nota fil-file u reġgħet ma ħaditx passi kontrija, imma darba ktibt lil Ombudsman u nirċievi l-acknowledgement fit-23 ta' Ġunju 2021 li l-kaz ġie quddimek, bħala Kummissarju għas-Saħħa, l-għada tiġi din Catherine Dimech mibdula kompletament u tisfurzani nieħu bil-fors Olanzapine 10mg (side effects tal-biża' u taf permanenti fuq saħħti, fosthom impotenza), kontra l-Mental Health Act artiklu 3.1.i skond kif aktarx sfurzaħha tagħmel il-psikjatra David Cassar u biex tkun aktar vili ħarġitli Restriction of Freedom of Communication Order kontra l-Mental Health Act 3.1.r, l-istess tattika li uża l-psikjatra David Cassar f'żewġ okkazzjonijiet preċedenti biex jintimidani u jkissirni mentalemnt, jgħaddini minn tortura psikoloġika lanqas mobile ma nista' nżomm, ma jgħaddi b'xejn il-ħin u nista' nkellem biss ftit minuti lil tal-familja.

Meta ktibt lill-Kummissarju għas-Saħħa Mentali John Cachia ma nfurmajtux li kien għadu kif imponieli dik ir-Restriction of Freedom of Communication Order u li kemm-il darba ktibtlu fil-passat u jonqos li jirrispondi jekk mhux ukoll idawwarha kontrija li jinforma lil Cassar li nkun gdibtlu biex dan aktar jivvendika ruħu minni? Meta xi xhur ilu ktibt lil Ombudsman biex nibdel il-Konsulent u ma nibqax taħt Cassar u naqleb taħt Joe Vella Baldacchino, kont ktibt minn diversi xhur qabel lilu wkoll imma lanqas ħabbel rasu jirrispondini tant kemm hu biased kontra l-pazjenti u jigi jaqa' u jqum mill-abbużi li jkunu qegħdin iseħħu fuq il-pazjent. F'dak l-incident report tal-4 ta' April 2018 kont ktibtlu wkoll imma mhux talli ma ħax passi,talli ħalla li niġi drugat, jirduppjawli d-doża tal-pirmli, u taħseb int li se jinvestiga fejn hemm xamma li turi li mhux denju tal-kariga li jokkupa u b'xi mod se jgħini nagħmel kopji tad-dokumenti li għandi bżonn?

Jekk ma tridx li tkun responsabbli int ukoll, nitolbok tieħu passi immedjatament biex titwaqqaf din il-kura sfurzata fuqi ( u ma niġix mhedded b'riperkussjonijiet) u titneħħa din ir-Restriction of Freedom of Communication Order immedjatament skond ma jagħtini dritt bħala pazjent il-Mental Health Act Artiklu 3.1.i u 3.1.r u għandi ningħata l-leave u l-Main Garden kif qeghdin jagħtu lill-pazjenti oħra.

Tista' ukoll bħala persuna aktar awtorevoli minni tirrapporta dan l-abbuż ta' Catherine Dimech lill-puluzija ħalli jieħdu passi kontriha talli qiegħda vilment iccaħħadni mid-drittijiet li tatini l-Mental Health Act? Bħala Kummmissarju għas-Saħħa ma tistax tagħtini d-dritt li nagħmel koppji tad-dokumenti li għandi bżonn?

Nicholas Grech

435076M

Dan skond ma ddettali biex nikteb hija Nicholas Grech għax kif qallek jinsab bla mobile u bil-Restriction of Freedom of Communication Order kemm jista' jkellem ftit minuti lil tal-familja, il-bqija maqful, abbandunat waħdu bħala animal, bi ksur sfaċċat tad-drittijiet umani u d-drittijiet li tagħtih l-Mental Health Act. Lanqas ftit minuti jara lil ommu l-isptar ma ħallewh.

On Wed, Jun 30, 2021 at 11:34 AM CH - Office of the Ombudsman <ch@ombudsman.org.mt> wrote:

**Każ Nru CH-21-2164**

30 ta' Ġunju 2021

Is-Sur Nicholas Grech

E-mail – nicho.grech@gmail.com

Għażiż Sur Grech

*Dwar: Ilment*

Nirreferi għall-email tiegħek tat-22 ta' Ġunju. Qed nieħu passi dwar l-ilmenti li inti għamilt u nwieġbek iktar tard.

Jien kellimt lil Kummissarju tas-Saħħa Mentali dwar kopji tad-dokumenti fil-file mediku tiegħek. Hu qalli li dwar dan is-suġġett inti tista' tibgħat *e-mail* lilu fuq john.cachia@gov.mt ħalli jkun jista' jindaga.

Tislijiet

Charles Messina

Kummissarju għas-Saħħa

CHARLES MESSINA

OMBUDSMAN

COMMISSIONER FOR HEALTH

11 ST. PAUL STREET VALLETTA VLT 1210

telephone: + 356 22483200 fax: + 356 21247924

direct line: + 356 22483212 e-mail: ch@ombudsman.org.mt